**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużeʼ Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA22.**

1.01 Minuti tal-laqgħa taʼ nhar it-Tnejn, 21 taʼ Jannar 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqaʼ fis-6.30 taʼ filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru u s-Sinjorina Joselle Buttigieg – Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-14 taʼ Jannar 2013.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Offerti MXR/005/2012 - Xogħol taʼ Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
3. Offerta MXR/006/2012 - Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
4. Skema PPP - Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
5. Proġett Eco-Gozo - Tisbiħ taʼ Passaġġ - Triq San Xmun.
6. Attivitajiet Sajf 2013.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA21.

## 2.00 Offerti MXR/005/2012 - Xogħol ta’ Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.

2.01 Il-kaxxa ta’ l-offerti ngħalqet u nfetħet fid-29 t’ Ottubru 2012 u nstabu sitt offerti:

| NO | NAME OF TENDERER | LOT 1 | | | LOT 2 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Amount € Option 1 | Amount € Option 2 | Amount € Option 3 | Amount € Option 1 | Amount € Option 2 |
| 1 | Joseph Mercieca | 138,200.80 | 150,440.35 | 148,020.35 | Nil | Nil |
| 2 | Peter Paul Said | 177,271.46 | 182,813.21 | 168,252.51 | 68,539.00 | Nil |
| 3 | Rapa Showroom Co. Ltd. | 127,221.75 | 157,111.00 | 136,220.50 | 71,511.65 | 61,539.65 |
| 4 | Road Construction Co. Ltd. | 93,458.95 | 104,659.95 | 98,737.45 | 168,148.00 | Nil |
| 5 | Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. | 91,745.00 | 98,932.50 | 99,507.50 | 45,983.00 | Nil |
| 6 | Gatt Tarmac Ltd. | 153,083.35 | 171,483.35 | 163,145.85 | 70,363.00 | Nil |

Il-Kumitat ikkummissjona lill-Perit William Lewis sabiex jeżamina l-offerti mitfugħin.

Il-Perit William Lewis fir-rapport tiegħu rrakkomanda lill-Kunsill/Kumitat li *Lot* 1 jingħata lil Road Construction Co. Ltd. għal *Option* 2 filwaqt li *Lot* 2 jingħata lil Peter Paul Said.

Din l-offerta ġiet diskussa f’ din il-laqgħa u l-Kumitat qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Perit li l-offerta tingħata *Lot* 1 lil Road Construction Co. Ltd. (*Option* 2) għall-valur ta’ €105,049.95 u *Lot* 2 lil Peter Paul Said għall-valur ta’ €68,539.00.

Din l-offerta issa ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar Numru 14/13(22_01_13) tat-22 ta’ Jannar 2013.

## 3.00 Offerta MXR/006/2012 - Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

3.01 Bħalissa l-Kuntrattur qed jaħdem fuq ir-restawr tal-Mitħna. Ix-xogħol miexi b’ ritmu mgħaġġel u skont il-pjanijiet.

## 4.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.

4.01 Peress li l-Enemalta Corporation iridu jagħmlu trinka fi Triq ir-Rumani, il-Kunsill bagħat il-prezzijiet tal-Kuntrattur li ser jagħmel il-kisi tat-triq. Jekk l-Enemalta Corporation taċċetta dawn il-prezzijiet, il-Kuntrattur jagħmel it-trinka u l-Enemalta Corporation tħallas tax-xogħol tat-trinka.

**5.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ ta' Passaġġ - Triq San Xmun.**

5.01 Sfortunatament il-Kuntrattur għadu ma qabilx mal-kontijiet hekk kif maħduma mill-Perit William Lewis. Il-Kuntrattur għadu qed jitlob laqgħa bejn il-Perit tiegħu u l-Perit tal-Kunsill. L-Avukat tal-Kunsill qed ikun ikkonsultat il-ħin kollu.

**6.00 Attivitajiet Sajf 2013.**

6.01 Permezz ta' Memo 38/2012, il-Kumitat kien applika għal diversi attivitajiet li jiffurmaw Kalendarju ta' Attivitajiet – Ix-Xlendi. Issa jiddependi minn dak l-ammont li ser ningħataw u b' dak l-ammont jiġi mfassal il-Kalendarju dettaljat.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien irċieva *statement* mingħand Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. dwar ix-xogħlijiet li saru fil-proġett ta' Eco-Gozo fix-Xlendi. F' dan l-i*statement* qed ikun indikat l-imgħaxijiet li qed jitlob mingħand il-Kunsill sal-21 ta' Jannar 2013. Dan l-i*statement* ġie rreferut lill-Avukat tal-Kunsill.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Ma kienx hemm materji oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***